Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,383, 17 ta' Frar, 2015
Taqsima B

A.L. 51 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in European Integration Studies – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Istudji Ewropej

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għall-Istudji Ewropej bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5 (b) (v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in European Integration Studies – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Istudji Ewropej.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut għall-Istudji Ewropej;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in European Integration Studies – M.A.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Arts in European Integration Studies – M.A.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fi Frar 2015 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors huwa miftuħ għall-applikanti li għandhom grad ta' Bachelor miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Katgorija II fil-European Studies.

(2) Il-Bord jista' jħalli jidħlu fil-Kors applikanti li għandhom grad ieħor għajr dak speċifikat fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament, sakemm li l-klassifikazzjoni tal-grad tagħhom ma tkunx anqas mit-Tieni Klassi bl-Unuri jew Kategorija II, u suġġett għas-sottomissjoni ta' ittra ta' motivazzjoni u intervista biex jiġi stabbilit jekk dawn l-applikanti għandhomx profiċjenza u għarfien biżżejjed biex ikunu jistgħu jsegwu l-Kors bi profitt. F'każijiet bħal dawn, il-Bord jista' jirrakkomanda li l-applikanti jsegwu programm preparatorju kif dettaljat fl-ordinament 4 ta' dawn l-ordinamenti.

(3) L-applikanti kollha huma meħtieġa jissottomettu mal-applikazzjoni tagħhom sinopsi dettaljata tat-tema tar-riċerka tagħhom. L-applikanti għandhom ikunu intervistati minn bord tal-intervisti, maħtur għall-għan ta' evalwazzjoni tal-proposta tar-riċerka, li għandha tissodisfa l-kriterji tal-Istitut.

(4) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul minn għall-anqas minn tliet membri. Dan għandu jkun immexxi mid-Direttur jew mid-delegat tiegħu/tagħha.

(5) Meta l-għadd ta' postijiet ikun limitat u n-numru ta' applikanti eliġibbli jaqbeż in-numru ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu magħżula skont il-kriterji li ġejjin, bil-piż tagħhom jiġi ppubblikat fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet:

(a) it-tip u l-klassifikazzjoni tal-grad;
(b) l-esperjenza fil-qasam tal-istudju propost; u
(ċ) il-livell milħuq waqt l-intervista, kif imsemmi fil-paragrafu (3) ta' dan l-ordinament.

(6) Għall-iskop tal-għażla, l-applikanti li l-kwalifiki tagħhom, kif stipulat fil-paragrafi (1) u (2) ta' dan l-ordinament, ikunu miksuba sal-31 ta' Awwissu ta' qabel ma jibda l-Kors għandhom jiġu kkunsidrati l-ewwel.

Il-Programm Preparatorju

4. (1) L-applikanti li jidħlu skont il-paragrafu (2) tal-ordinament 3 jistgħu jkunu meħtieġa li jtemmu programm preparatorju, li jinkludi mhux anqas minn 30 krettu ECTS u mhux aktar minn 60 krettu ECTS, u li jiksbu marka medja globali ta' 55% jew aħjar, qabel ma jirreġistraw bħala studenti regolari fil-Kors.

(2) Il-Bord jista' jagħti eżenzjoni sħiħa jew parzjali mir-rekwiżit tal-programm preparatorju jekk ikun sodisfatt li l-istudenti għandhom esperjenza ta' xogħol miksuba wara l-kwalifika tal-ewwel ċiklu tagħhom li tkun rilevanti għall-Kors.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

6. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 10 kretti ECTS huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 80 krettu ECTS huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

7. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat mill-Bord wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

8. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni tat-taqsimiet studju mgħallma jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li wara il-valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

9. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' bejn l-45,000 u l-50,000 kelma (inkluż ir-referenzi u l-*footnotes*) skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir fi kwalunkwe żmien matul il-Kors wara l-approvazzjoni tal-proposta tar-riċerka. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta tar-riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord flimkien mal-applikazzjoni. Il-proposta tar-riċerka għandha tkun approvata minn membru tal-istaff akkademiku tal-Istitut li jkun iggwida lill-istudent fil-preparazzjoni tagħha.

VERŻJONI ELETTRONIKA

10. (1) Il-Bord għandu jaħtar Panil ta' Superviżjoni għal kull student normalment magħmul minn tliet membri kif ġej: id-Direttur tal-Istitut, jew id-delegat tiegħu/tagħha bħala *Chairman*, u żewġ membri oħra, li wieħed minnhom ikun is-superviżur prinċipali, sakemm li meta d-Direttur tal-Istitut ikun is-superviżur, ma jkunx / tkunx tista' tmexxi l-Panil.

(2) Il-Panil tas-Superviżjoni għandu jsegwi, kif ikun xieraq, il-progress tal-istudenti matul il-Kors, iżda għandu jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena biex jirrevedi dan il-progress.

(3) L-istudenti jkunu meħtieġa jirrapportaw għand is-superviżuri tagħhom mill-inqas darba kull xahrejn, u barra minn hekk skont kemm is-superviżur iħoss li hu neċessarju.

(4) Fl-aħħar ta' kull semestru ta' studju, is-superviżuri jkunu meħtieġa jissottomettu rapporti dwar l-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom lill-Panil ta' Superviżjoni. L-istudenti għandhom isaqsu għall-approvazzjoni tal-Panil għal kwalunkwe modifika sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni.

(5) Il-Panil tas-Superviżjoni għandu minn żmien għal żmien jinforma lill-Bord, bil-miktub dwar il-livell ġenerali milħuq minn kull student. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u
(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

11. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

12. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.